MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 840/2002

**Anthony Deguara u Miriam Deguara**

**-vs-**

**Sign It Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-attur Anthony Deguara kien impjegat mas-socjeta konvenuta; u

Illi f'incident li gara fl-20 ta' Settembru 2000, fuq il-post tax-xoghol, u cioe fil-mahzen tas-socjeta konvenuta, fejn waqt il-hin tax-xoghol u matul l-qadi tad-doveri tieghu, l-attur Anthony

Deguara sofra danni fuq il-persuna tieghu li bil-konsegwenza taghhom tilef ix-xoghol u sofra debilita' permanenti kif indikat fl-anness rapport mediku (Dok A); u

Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali hija unikament responsabbli s-socjeta konvenuta minhabba li naqset li tiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni; u

Illi, ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minn l-atturi, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament risponsabbli ghall-incident fuq imsemmi li sar fl-20 ta' Settembru 2000 waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident l-attur Anthony Deguara sofra danni fuq il-persuna tieghu.

2. Tillikwida d-danni sofferti minn l-atturi b'konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali mibghutin kemm lis-socjeta' konvenuta fil-25 ta' Mejju 2002 u dik mibghuta lis-socjeta' assikuratrici tas-socjeta konvenuta datata 27 ta' Mejju 2002, bl-imghaxijiet legali u b'hekk is-socjeta konvenuta minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-23 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes u dana stante illi l-konvenuti ma humiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u danni konsegwenzjali illi garrab l-attur.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa minn Reuben Caruana, I.D. 278065M u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Gunju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Avukati.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara incident li sehh fuq il-post tax-xoghol tieghu mas-socjeta’ konvenuta.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta meta gara l-incident li fih wegga. L-incident gara meta l-attur kien qed ipoggi xi injam twil fuq xkafef fl-i*store* tas-socjeta’ konvenuta. F’dak il-hin huwa waqa’ ghal isfel b’rizultat li wegga. Wara xi zmien gie ccertifikat mhux tajjeb ghax-xoghol u ghalhekk l-impjieg tieghu mas-socjeta’ konvenuta ntemm.

Il-socjeta’ m’hijiex qed tikkontesta kif gara l-incident izda qed tghid li hija dejjem forniet lill-impjegati taghha bl-apparat necessarju u fil-provi li ressqet ghamlet enfasi fuq il-fatt li l-attur qatt ma kien messu jitla’ biex ipoggi l-injam fuq l-ixkafef (gholjin xi hames metri) ghaliex kien hemm *fork lifter* a disposizzjoni tal-haddiema (il-kelma ezatta li ntuzat kienet *available*).

Fil-fatt il-kwistjoni tar-responsabilita’ ticcentra hafna fuq il-prezenza tal-*fork lifters* fil-lok ta’ l-incident. Minn ezami approfondit tal-provi u specjalment mill-komportament ta’

Rueben Caruana, direttur tas-socjeta' konvenuta, il-Qorti hija konvinta li l-

attur qed jghid il-verita' meta nsista li ma kienx hemm *fork lifter* fil-lant tax-xoghol u ghalhekk huwa kellu jitla' fuq l-ixkaffa in kwistjoni. Ghalkemm gew esebiti numru ta' ricevuti ta' hlas tal-kirjiet tal-*fork lifters*, meta gie kontro-ezaminat, l-imsemmi Rueben Caruana ma eskludiex illi dan seta' gie adoperat fuq il-fosos tal-Furjana u mhux fil-lant tax-xoghol. Fil-fatt l-incident sehh fl-20 ta' Settembru u kwindi hu verosimili li l-*fork lifter* intuza kif gie suggerit mill-Avukat ta' l-attur fid-domanda tieghu – domanda li ghaliha Caruana ma rrispondiex fin-negattiv.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Danastasi vs Enemalta Corporation</u> deciza fit-28 ta' Gunju, 2005 qalet;

"*Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha wkoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zmienijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.*

*Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda jkun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-*attur *u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.*"

Dan id-diskors m'huwiex ghal kollox applikabbli ghall-kaz in ezami izda t-tixbiha hija cara; ma tistax issa s-socjeta' konvenuta twahhal fl-attur ghax dan minflok ma baqa' jgerger fuq in-nuqqas ta' *fork lifter*, wera sens ta' responsabilita' kif *del resto* xehed il-*manager* Kevin Valletta (fol 43 *et sequitur*) illi qal li l-attur dejjem ta sehmu fuq il-post tax-xoghol tieghu. Ma jidhirx anqas li l-attur kellu xi tort bil-mod kif gara l-incident – incident li zgur kien jigi evitat kieku kien hemm l-attrazzatura msemmija.

Mill-provi rrizulta li s-socjeta' konvenuta ma thaddimx numru kbir ta' haddiema u wiehed jifhem li din it-tip ta' azjenda ma jkollhiex il-mezzi li jkollhom azjendi kbar ghal certi mizuri; fl-istess hin pero' il-fatt li thaddem ftit nies ghandu jkun ta' ghajnuna biex

tiehu hsieb b'mod komprensiv is-sahha ta' l-istess haddiema fil-qadi ta' dmirijiethom bhala impjegati ta' l-azjenda.

Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Schembri vs Caruana nomine</u> deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, "*Employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm periklu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan. L-employer (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji nvoluti fix-xoghol taghhom ta' kull jum.*"

Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited</u> deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003; "*Min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha ta' l-istess haddiem.*" *(ara <u>Bugeja vs Falzon</u> deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u <u>Desira vs Grech and Co. Ltd</u> deciza fit-30 ta' Mejju, 2002)*.

Sentenzi ohra ta' l-istess opinjoni huma <u>Galea vs Balzan</u> – Qorti ta' l-Appell – 26 ta' Frar, 1993 u <u>Agius vs Galea</u> – Qorti tal-Kummerc – 11 ta' Lulju, 1989. Sentenza ricenti <u>Grezzju Scicluna vs C. Cini and Sons Ltd</u> – 27 ta'Gunju, 2006 – Cit. 348/02 TM, iccitat l-awtur Whincup fil-ktieb Modern <u>Employment Law</u> li jelenka erba' principji bazici f'kazi simili u cioe':

i. *the employer must ensure that the emplyee knows the dangers,*
ii. *the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers,*
iii. *the employer must ensure that the precautions are available,*

iv. *the employer must ensure that the employee knows these precautions are available.*

Huwa minnu li l-attur ma kienx qed juza xi makkinarju komplikat jew perikoluz minnu nnifsu izda l-fatt li kien qed jitla' certu gholi ukoll jista' jikkostitwixxi periklu kif sfortunatament irrizulta f'dan l-incident. Ghalhekk il-Qorti ssib li t-talba attrici ghar-responsabilita' ta' l-incident hija gustifikata.

Stabbilita ghalhekk r-responsabilita' il-Qorti se tghaddi biex tillikwida d-danni. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* se tadotta l-principju stabbilit fil-kawza Butler vs Heard deciza fl-1967 u f'diversi sentenzi li segwewha. Gie stabbilit mill-espert mediku inkarigat mill-attur (mhux kontestat mill-konvenuti – *vide* verbal ta' l-14 ta' Novembru, 2005) li l-attur sofra disabilita' ta' tnax fil-mija (12%) minhabba l-incident fl-2000; dakinhar kellu tlieta u hamsin (53) sena u kellu paga ta' cirka hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) fil-gimgha. Il-Qorti ghalhekk se tilliwikida d-danni a bazi ta' qligh ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600) fuq seba' snin – u dan billi wiehed qatt ma jista' jkun cert li se jibqa' jahdem sa wiehed u sittin (61) sena; il-Qorti m'hijiex pero' se tnaqqas taxxi u kontribuzzjonijiet ghax wiehed hawn jippresumi zidiet fil-pagi fil-futur, ghalkemm f'dan il-kaz l-attur ma baqx jahdem – izda jidher li hu tilef l-impjieg proprju in segwitu ghall-incident. Ghalkemm l-attur xehed li kien jaghmel *overtime*, dan ma jistax jigi inkluz ghal dan l-iskop ghaliex qatt ma hu qliegh cert. Dan ghalhekk iwassal ghas-somma ta' tlett elef u erbgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm3,024). Il-Qorti, billi ghaddew erba' snin minn meta bdiet il-kawza u sitt snin minn meta gara l-incident, mhux se tnaqqas xejn minn din is-somma bhal ma jsir is-soltu ghal hlas f'daqqa.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lill-istess socjeta' thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u erbgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm3,024). L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------